MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 230/2004

Saviour u Mary Grace konjugi Schembri
vs
Joseph u Ritienne konjugi Caruana, u Grezzju u Lorenza konjugi Caruana

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Illi b'kuntratt in atti n-Nutar Dottor Mario Bugeja tal-15 ta' Settembru, 2000 (Dokument A) l-atturi bieghu u ttrasferew a favur tal-konvenuti Joseph u Ritienne konjugi Caruana, li fiz-zmien ta' dan il-bejgh kienu gharajjes, il-mezzanin bl-isem "Zella" f'Saint Anthony Street, Zabbar, kif ahjar deskritt fil-kuntratt riferit, bil-prezz ta' tmienja u ghoxrin elf liri Maltin (Lm28,000.00) li jithallsu f'pagamenti mensili ta' tliet mitt lira (Lm300.00) bl-imghax ta' hamsa fil-mija fis-sena a skaletta b'effett mid-data tal-kuntratt u bl-ewwel

pagament isir sa sena u hdax-il xahar mid-data ta’ l-istess kuntratt.

Illi gie stabbilit fil-kuntratt ta’ bejgh riferit li kemm-il darba ma jsirux erba’ pagamenti mensili mill-kompraturi, huma jitilfu l-beneficcju taz-zmien u l-bilanc dovut isir kollu ezigibbli b’dan illi l-imghax jithallas bit-tmienja fil-mija fis-sena.

Illi l-konvenuti l-ohrajn Grezzju u Lorenza konjugi Caruana, in forza tal-kuntratt ta’ bejgh hekk maghmul, iggarantew solidalment mal-kompraturi l-hlas tal-prezz ta’ l-imsemmi fond.

Illi sallum il-kompraturi, cioe` l-konvenuti Joseph u Ritienne konjugi Caruana, kellhom jeffetwaw ghoxrin pagament mensili ta’ Lm300.00 kull wiehed, kif spjegat, pero` fil-fatt ma hallsu xejn.

Illi l-konvenuti gew interpellati jeffetwaw pagamenti li saru dovuti skond il-kuntratt ta’ bejgh fuq riferit, izda inutilment; u inoltre c-cirkostanzi tal-konvenuti nbidlu materjalment b’mod li jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas tal-prezz dovut kif qed jinghad.

Illi huwa l-kaz konsegwentement li l-konvenuti tilfu l-beneficcju taz-zmien lilhom koncess ai termini tal-kuntratt ta’ bejgh fuq riferit, u ghalhekk huma debituri solidalment bejniethom ta’ l-atturi fl-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf liri Maltin (Lm28,000.00), cioe` l-prezz intier tal-bejgh tal-fond, kif ukoll fl-ammont ta’ tliet elef, tmien mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm3,827.70) rapprezentanti mghax dovut sallum oltre l-imghax li jsir ulterjorment dovut sad-data tal-pagament effettiv a pjan saldu tal-konvenuti.

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li ai termini tal-kuntratt ta’ bejgh li sar in atti n-Nutar Dottor Mario Bugeja tal-15 ta’ Settembru, 2000, fuq riferit, il-konvenuti tilfu l-beneficcju

taz-zmien ghall-hlas tal-prezz minnhom dovut ghar-ragunijiet spjegati.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf liri Maltin (Lm28,000.00), cioe` l-prezz intier tal-bejgh tal-fond li gie trasferit mill-atturi, kif ukoll l-ammont ta’ tliet elef, tmien mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm3,827.70) rapprezentanti imghax dovut sallum oltre l-imghax li jsir ulterjorment dovut sad-data tal-pagament effettiv a pjan saldu tad-debitu tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Awissu, 2003, kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li fid-29 ta’ Ottubru 2004 Dr. Frank Cassar ghal Grezzju u Lorenza Caruana ddikjara li l-klijenti tieghu ma kienux ser jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat li l-konvenuti l-ohra Joseph u Ritienne konjugi Caruana baqghu kontumaci ghalkemm regolarment notifikati u dan kif jirrizulta a fol 16 tergo tal-process.

Semghet bil-gurament lil Saviour Schembri fis-seduta tal-bierah 17 ta’ Novembru 2004 minn fejn ikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-fatti maghmula minnu fic-citazzjoni u li baqa’ ma thallas xejn mill-ammont dovut mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha provi sufficjenti biex juri li l-konvenuti tilfu l-beneficcju taz-zmien ghall-hlas tal-prezz

minnhom dovut a tenur tal-kuntratt ta' bejgh Atti Nutar Dr. Mario Bugeja tal-15 ta' Settembru 2000. Rat illi ghalhekk huwa dovut l-ammont ta' Lm28000 rapprezentanti l-prezz intier tal-fond trasferit kif ukoll hija dovuta s-somma ta' Lm3827.70 rapprezentanti imghax dovut sal-prezentata tac-citazzjoni.
Rat li ma hemm ebda raguni valida ghaliex il-konvenuti setghu jopponu din it-talba.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tiddikjara li ai termini tal-kuntratt ta' bejgh li sar in atti n-Nutar Dottor Mario Bugeja tal-15 ta' Settembru, 2000, il-konvenuti tilfu l-beneficcju taz-zmien ghall-hlas tal-prezz minnhom dovut. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf liri Maltin (Lm28,000.00), cioe` l-prezz intier tal-bejgh tal-fond li gie trasferit mill-atturi, kif ukoll l-ammont ta' tliet elef, tmien mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm3,827.70) rapprezentanti mghax dovut sallum.

Bl-imghax li jsir dovut ulterjorment sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------